# RIŻORSA 9

**Kwotazzjoni ta' Baruch Spinoza dwar il-paċi**

"Il-paċi mhijiex sempliċement nuqqas ta' gwerra, (...)"

*Sors: Baruch Spinoza, Tractatus Politicus, 1667, tradott minn A. H. Gosset, 1883.*
*Baruch Spinoza kien filosfu Olandiż tas-seklu 17 ta' oriġini Portugiża Sefardita.*

**Simboli tal-paċi**



Is-"simbolu tal-paċi", kif inhu magħruf illum, tfassal fis-snin ħamsin bħala l-logo tal-British Campaign for Nuclear Disarmament u ġie adottat minn attivisti kontra l-gwerra fl-Istati Uniti u fi bnadi oħra.

*Sors: Wikipedia*




L-użu ta' ħamiema u fergħa taż-żebbuġ bħala simbolu tal-paċi beda mal-Insara tal-bidu, li dderivaw is-simbolu tal-ħamiema u l-fergħa taż-żebbuġ minn żewġ sorsi: il-filosofija Griega, inkluż l-użu tas-simbolu tal-fergħa taż-żebbuġ (bħala wieħed mill-attributi ta' Eirene, l-alla mara tal-paċi), u l-istorja ta' Noè u l-Għargħar. Dan eventwalment sar simbolu sekulari tal-paċi, popolarizzat minn Pablo Picasso wara t-Tieni Gwerra Dinjija.

*Sors: is-sit tal-Unjoni Ewropea © European Union, 2012 / Source: European Commission Audiovisual Service, European Parliament/ Photo: Eve Van Soens*



Is-simbolu tal-azzarin imkisser jintuża mill-War Resisters International (WRI) u l-affiljati tagħha, iżda jmur lura għal qabel id-WRI, li twaqqfet fl-1921.

*Sors: Wikipedia*




Fl-1933, fi żmien li fih kien hemm biża' kbir ta' gwerra fl-Ewropa, il-Women's Cooperative Guild bdiet id-drawwa li tqassam pepprin abjad bħala alternattiva għall-pepprin aħmar imqassam mir-Royal British Legion b'tifkira tas-suldati li mietu fl-Ewwel Gwerra Dinjija.

*Sors: The Peace Museum, ir-Renju Unit © 2015 The Peace Museum UK, all rights reserved*